**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 73/07**
L-Erbgħa 25 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
73.5 Rapporti;
73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 59/07;
73.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
73.9 Mozzjonijiet;
73.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 73.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet żewġ ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillieri Ishmael Dalli fejn talab biex ikun skużat minħabba mard filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia kien talab ikun skużat minħabba xogħol. Dawn l-apoloġiji ġew approvati mill-Kunsill unanimament.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 72/2017 tad-29 ta' Settembru 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien baqa' jinsisti li jiltaqa' miegħu *one to one*. Saħansitra żied jgħid is-Sindku li s-Sur Jimmy Vella f'isem VELLA GROUP kien qed iqabbad nies biex ikelmuh f'ismu.

**i.i** Saret diskussjoni u ġie maqbul li nerġgħu nkelmu lill-Avukat u naraw nistawx nibdew inħallsu skond l-iskeda mqassma fuq tmien snin.

**ii.** Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir ta' trinka quddiem blokka appartamenti ġodda fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, jidher li kien għadu ma inthemmx ix-xogħol u għaldaqstant it-trinka kienet għadha miftugħha. Is-Sindku żied jispjega li hu kien kelmu lis-Sur Vella dwar dan ix-xogħol u s-Sur Jimmy Vella kien qallu li kien ser jagħlaq dalwaqt.

Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

**iii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

Tender toroq

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li ladarba issa x-xogħol tal-asfaltar tat-toroq Triq Annetto Caruana minn fejn id-daħla taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ u k/m Triq Santa Marija sa quddiem il-Kunsill Lokali kien tlesta kollu, kemm il-Perit tal-Kunsill kien ppreżenta l-verifika fuq ix-xogħol li kien sar kif ukoll il-Kuntrattur kien ressaq il-kont tiegħu iżda kien rrizulta li kien hemm xi differenzi bejniethom.

**iv.i** Is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa nhar is-16 ta' Ottubru 2017 fejn prezenti kien hemm Josephine u Chalie Dimech f'isem id-DIMBROS, filwaqt li għall-Kunsill kien hemm prezenti hu bħala s-Sindku, il-Kunsillieri Doris Vella u Ishmael Dalli, is-Segretarju Ezekuttiv u kif ukoll il-Perit Chris Mintoff f'isem Building & Design Consultants.

iv.ii Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill flimkien miegħu kienu spjegaw lill-kuntrattur xi diskrepanzi li kienu rrizultaw bejn il-BOQ tagħhom tat-tender għal mal-kont ippreżentat. Is-Sindku qal li wara li ġew spjegati lilhom dawn l-affarijiet huma aċċettaw il-kont kif mħejji mill-Perit tal-Kunsill. Żied jispjega s-Sindku li kien talab lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel statement x'kienet ir-raġuni il-għaliex kien hemm dik id-diskrepanza kollha bejn stima u kont attwali.

Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**v.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tal-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, għalkemm konna qed nibgħatu *reminder* lit-TM dawn min-naħa tagħhom baqgħu qatt ma weġbuna lura. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li l-Onor. Ministru Ian Borg kien wieġeb lura u saħansitra kien bgħat Perit mit-TM fejn dan mar jiltaqa' miegħu fuq il-post u kien baqa' miegħu li kien ser jagħmel rapport u ser jipprova li dawn iż-żewġ toroq jidħlu fl-ewwel lott taħt l-iskema tal-Gvern. Żied is-Sindku li kienu t-TM stess li kienu ser jiddiskutu mal-WSC.

**vi.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq u li kienet ġiet diskussa waqt diversi laqgħat fl-AKL u li suppost kellna nirċievu risposta imma minn dan kollu ma sar xejn, jidher li l-fondi kienu tqassmu bejn ir-reġjuni l-oħra. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. Inċident monument – Avukat UNTOURS

**viii.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li anke fil-każ ta' Triq B'Bugia fejn kien ġie nnotat li parti mill-konkos li kien sar ġdid kien diġa qed jisfronda, hawnhekk l-istess Perit mibgħut mill-Onor. Ministru Ian Borg kien ħejja rapport u kien qallu li kien ser iżomm il-Garanzija Bankarja tal-Kuntrattur u fejn kien qed jerġa jordnalu biex isir konkos mill-ġdid tat-tip C25. Triq B'Bugia

**x.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġġħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

x.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti. Bus Shelter Triq Palma

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-każ sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, li apparti dak kollu li kien rrapurtat fil-laqgħat preċedenti, l-indirizz ma kienx jeżisti għaliex fejn indikat kien Triq Xandru Farrugia. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**xiii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, wara li kien kellimhom kollha, ix-xogħol kien għaddej imma sfortunatament kien għad hemm min minnhom li ta' sikwiet kienu jiġu bl-argumenti mal-istaff tal-Kunsill. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xiv.i** Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-korrispondenza bejn il-Kummissjoni Elettorali, il-Kunsill Lokali Fgura, residenta fi blokka ta' appartamenti ġodda "The Willows" fi Triq San Mikiel il-Fgura u dan il-Kunsill Lokali, fejn il-Kumm. Elettorali u l-Kunsill Lokali Fgura qed jallokaw din il-binja ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, huwa qal li kien ser ikun qed joġġezzjona li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ma kienx ser jaċċetta li din il-blokka taqa' fil-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms konna għadna qed nistennew id-Disclaimer min-naħa tagħhom. Talba użu tal-ground

**xvii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li r-rapport dwar pv system taħt il-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* kien intbgħat. Kif ukoll konna rċevejna l-Final Report li wkoll ġie ffirmat u mibgħut lura lill-PPCD. PV System – Proġett ERDF213

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kwotazzjoni għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien konna ġibna l-qies u ordnajniha. Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xix.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied targa oħra mat-taraġ ta' fejn il- Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

latrina.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li kien ġie mistieden jiltaqa' mal-Onor. Silvio Parnis u fejn kienu ġew diskussi tlett punti waqt din l-imsemmija laqgħa kien ġie deċiż li fir-rigward tal-:- Laqgħa Onor Silvio Parnis

- ENFORCEMENT AMBJENTALI kelna nistennew peress li kienet għaddejja r-riforma;
- PJAZZA AGATHA BARABARA – L-Onor. Silvio Parnis kien ser ikellem lil sid l-art biex jara jasalx f'xi forma ta' qbil;
- Filwaqt li minflok li ġiet diskussa l-istat ta' PAOLA ROAD minflok ġie diskuss Ġnien Kurunell Mass fejn l-Onor. Parnis kien wiegħed li ser jara kif jista' jgħin biex isir ix-xogħol meħtieġ f'dan il-ġnien.

Is-Sindku żied jsiġjega li preżenti għal-laqgħa kien hemm hu, il-Viċi Sindku Keith Darmanin, il-Kunsillier Luke Genuis flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Antonella Galea.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-Librerija kien sar trattament apposta ħabba l-kotba u l-għamara li hemm filwaqt li żied jgħid li kellna narmu xi racks filwaqt li nordnaw xi ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament li jintremew xi racks filwaqt li nordnaw racks ġodda. Librerija

**xxiii.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li nhar il-6 ta' Novembru 2017 il-Kunsill kellu appuntament sabiex jiġbor l-vaċċin mill-Health Centre tal-Floriana. Vaċċin kontra l-Influwenza

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan l-aħħar kien seħħ inċident fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet li kien hemm u għaldaqstant kienet saritilhom xi ħsara. Dwar dan il-każ qal is-Sindku Farrugia li kien sar rapport lill-pulizija. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xxvi.** Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kienet waslet talba mit-TM għall-RESERVED quddiem ir-residenza Nru. 68 Triq Sammat Ħal Tarxien. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni sabiex din it-talba tintlaqa'. RESERVED 230, Triq Sammat

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata sabiex jingħataw permess li tittella' attivita' nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru 2017 ġewwa Ġnien Veliko Turnovo u l-madwar. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jingħataw permess. Talba mingħand l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand il-Kumitat Sezzjonali PN Tarxien sabiex har is-Sibt 18 ta' Novembru 2017 jiġu riservati xi spazzji tal-parking minħabba xi votazzjoni fil-każin fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jingħataw permess. Talba mingħand il-Kumitat Sezzjonali PN Tarxien

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta fil-laqgħat preċedenti mill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema biex fir-raħal isiru bicycle racks filwaqt li l-ispiża kollha biex isiru kienet ser tkun assorbita mill-Ministeru tal-Finanzi, kienet għad ma ġietx risposta. Bicycle Racks

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero makienx għad kellna risposta. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xxxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Impjegat Jaden Borg kien tefa r-riżenja tiegħu u għaldaqstant il-Kunsill kien ser ikollu post ta' Assistent Skrivan vakanti. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lid-DLG sabiex tinħareġ l-awtorizzazzjoni għal sejħa ġdida minflok din ir-riżenja.

## 73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tat-talba tal-Kunsillier Luke Genuis fejn dan kien talab sabiex terġa titwaħħal il-mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola, qal li kien kellem lis-sid il-binja u dan kien qallu li bħalissa x-xogħol kien wieqaf u għaldaqstant ġie deċiż li issir mera sakemm jerġa Mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola

jitkompla x-xogħol.

**73.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 59/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**73.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Rapport mill-Kunsillier Frans Agius

Attiivita' tberik tal-annimali

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li l-attivita' tat-Tberik tal-Annimali kienet saret u kienet suċċess.

**73.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**73.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |